MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 145/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assigurata taghha Patricia Serracino abbazi tal-polza ta` assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Patricia Serracino [415574(M)]**

**Vs**

**Bonnici Bros. Limited u Id-Direttur tat-Toroq**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` disa` mija u tnejn u tletin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm932.74c) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici Patricia Serracino

assigurata mas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited nomine u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghas-somma ta` disa` mija u seba` liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm907.74c) is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited nomine u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-istess Patricia Serracino in linea ta` *excess*, bhala rizultat ta` incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta` Dicembru, 2002 gewwa Triq it-Torri, Swatar, fejn il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni AAF 761 misjuqa mill-attrici Patricia Serracino sfat involuta f'incident ma` blokki tal-*concrete* li gew ippostjati f'nofs it-triq mill-konvenuti, jew min minnhom, jew fuq struzzjonijiet taghhom, u dan minghajr ma saret is-senjaletika necessarja sabiex jigi evitat il-periklu ghall-pubbliku. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` Ittra Ufficjali tal-20 ta` Dicembru, 2004 u ta` l-Ittra Ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma` dan l-att lill-Avukat Generali u interessi legali mid-data tan-notifika ta` l-imsemmija Ittra Ufficjali tal-20 ta` Dicembru, 2004 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta ta` Bonnici Brothers Limited li wiegbu illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija ta` l-attrici Patricia Serracino. Illi ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjenti Bonnici Brothers Limited m'hemmx danni x'jigu llikwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni skond il-Ligi. Inoltre, m'hemmx lok ghall-kundanna ta` l-eccipjenti Bonnici Brothers Limited ghall-hlas ta` danni favur l-atturi. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra illi l-konvenut l-iehor, debitament notifikat, baqa' ma pprezentax Risposta.

Sema` x-xhieda ta` Joseph Chircop, ex PS 497 Alfred Fabri, Mario Bonnici, Perit Robert Zerafa u ta` Patricia Serracino.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li permezz ta` Nota tad-29 ta` Novembru, 2006 l-atturi cedew l-atti tal-kawza fil-konfront tas-socjeta` Bonnici

Brothers Limited filwaqt li zammew fermi t-talbiet taghhom fil-konfront tad-Direttur tat-Toroq.

Ra li l-atturi pprezentaw Kapitolu fid-29 ta` Novembru, 2006 li ghas-seduta tal-lum id-Direttur tat-Toroq ma deherx u ghalhekk il-Kapitolu jisthoqq li jigi mistqarr.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-ewwel xejn jinghad illi ghalkemm gie pprezentat Kapitolu u, kif gja` inghad, aktar ‘il fuq dan jitqies bhala mistqarr, xorta wahda dan it-Tribunal biex jasal ghall-eventwali decizjoni tieghu jrid jezamina u jiehu in konsiderazzjoni l-atti kollha tal-kawza u x-xhieda kollha prodotti. Il-Kapitolu huwa prova wahda fost provi ohra prodotti. Anzi jinghad illi ghalkemm il-Kapitolu huwa meqjus bhala mistqarr, il-provi l-ohra li gew prodotti jwasslu lit-Tribunal ghall-konkluzjoni differenti fis-sens illi din il-kawza hija destinata biex tfalli fil-konfront tal-konvenuti rimanenti.

L-atturi huma obbligati li jgibu prova illi l-incident sehh minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuti. F’dan il-kaz gara illi Patricia Serracino kienet qeghda ssuq il-karozza fi Triq it-Torri, Swatar liema triq kienet qeghda taht kostruzzjoni u kien qed isir hafna zvilupp fl-inhawi. L-incident sehh fl-20 ta` Dicembru, 2002 ghall-habta tas-7.30 ta` filghodu waqt li hija kienet fi triqitha ghal St Martin’s School fejn hija tahdem. L-attrici kienet konxja li qed isiru x-xoghlijiet anzi, fi kliemha, tghid illi:

“Kuljum kien ikun hemm xi haga differenti.”

Waqt li hija kienet qeghda ssuq baqghet diehla go blokka tal-*concrete* li kienet qeghda timblokka l-karreggjata taghha. Fil-fatt kien hemm zewg blokok tal-*concrete* u dawn jidhru cari kemm mill-iskizz li sar mill-Pulizija u li jinsab esebit a fol 32 tal-process u kif ukoll mir-ritratti li gew esebiti u li jinsabu a fol 53 u 54 tal-process.

Serracino tghid li hija ma rathomx qabel l-incident u fil-fatt qalet hekk:

"Dak il-hin li kont qed insuq kellhi x-xemx go ghajnejja u waqt li qed insuq f'daqqa wahda nisma` boom jigifieri hassejt daqqa. Jien hrigt mill-karozza biex nara u nara blokka tal-*concrete* gol-karozza tieghi, go nofs il-karozza tieghi. Jien qabel ma sar l-accident hsibt li waqghet il-magna mill-karozza tieghi. Jien ma rajtx il-blokka qabel l-incident."

L-atturi qeghdin jippruvaw isostnu illi ma kien hemm l-ebda senjaletika biex tindika l-ezistenza ta` l-imsemmija blokka tal-*concrete* w allura bhala tali jikkontendu illi min ghamel il-blokok huwa responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni. Sahansitra l-attrici tghid:

"Jien nghid li l-blokka ma kienetx vizibbli."

It-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti, l-blokok tal-*concrete* in kwistjoni kienu ferm vizibbli. Kieku l-attrici kienet qeghda zzomm *a proper lookout* kienet certament tinduna bihom. Dawn ma kienux xi blokok tal-*concrete* li kienu wara xi kantuniera u malli daret il-kantuniera sabithom ma` wiccha, izda t-triq hija triq pjuttost dritta u kellha vizwali tajba. Il-blokok tal-*concrete* kienu ringiela shiha u l-attrici habtet ma` minfejn kienu jibdew dawn il-blokok. Dawn kienu ferm u ferm vizibbli. It-triq, dakinhar ta` l-incident kienet imharbta sew u l-attrici kienet konxja illi minn gurnata ghall-ohra kienu qed isiru xoghlijiet u, kif tghid hi stess, "kuljum kien ikun hemm xi haga differenti" u ghalhekk kellha toqghod ferm u ferm attenta ghal dak li hemm fit-triq.

Wara kollox, hija kienet sejra fid-direzzjoni lejn l-iskola u facilment seta` jkun hemm tfal mexjin lejn l-iskola flok blokka tal-*concrete* u ghalhekk l-attenzjoni taghha fl-inhawi kellha tkun aktar pronunzjata. Hija tghid illi kellha x-xemx f'ghajnejha u ma setghetx tara. Jekk hija ma setghetx tara l-obbligu taghha kienet illi tieqaf u tuza l-mezzi kollha necessarji sabiex hija tkun tista` tara fejn

tkun sejra u mhux bhal li kieku billi ma tistax tara allura m'hemm xejn quddiemha.

Illi inoltre, fattur ta` relevanza huwa l-fatt illi mill-provi prodotti, partikolarment minn dak li xehed il-Perit Robert Zerafa jirrizulta illi fl-inhawi in kwistjoni fejn sehh l-incident ma kienux qeghdin isiru xoghlijiet mid-Direttur Dipartiment tat-Toroq jew l-Awtorita` Dwar it-Trasport. L-attrici stess ghamlet marka fuq l-i*sketch* esebit mill-istess Perit liema *sketch* jinsab esebit a fol 55 tal-process immarkat bhala Dok RZ u l-attrici ghamlet l-ittri PS fil-post fejn sehh l-incident liema marka ma tinsabx fil-parti ssinkjata fi Triq is-Swatar li ssenjala l-istess Perit bhala l-inhawi fejn kienu qed isiru xoghlijiet taht is-supervizjoni tieghu.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li d-Direttur tat-Toroq jew l-Awtorita` Dwar it-Trasport kienu ghamlu l-blokok in kwistjoni.

Illi ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll, it-Tribunal huwa tal-fehma illi m'hemmx provi sufficjenti illi l-konvenuti b'xi mod jahtu ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talbiet ta` l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------